**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Ottubru, 2018

Rikors Nru : 297/18 AL

**AB**

*Versus*

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

> Illi l-partijiet izzewgu fl-għaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għaxra (2010) u dan skont iċ-ċertifikat taz-zwieġ hawn anness u mmarkat bħala "Dokument A".
>
> Illi l-partijiet ilhom separati sa mit-tmienja (8) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) permezz kuntratt ta' separazzjoni hawn anness bhala "Dokument B".

Illi għalhekk il-partijiet ilhom aktar minn erbgħa (4) snin separati.

Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżżewġin, u dan kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni mahlufa hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument C".

Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-**Artikolu 66B** tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar fl-għaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għaxra (2010)

2. Tawtorizza lil-esponenti sabiex tirriverti għall kunjomha ta' xebba u ċioe Attard;

3. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għall daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta ta' Adrian Hili, li permezz taghha jesponi :-

Illi ghalkemm l-esponent fis-sebgha (7) ta' Lulju tal-elfejn u tmintax (2018), gie notifikat bin-nota bid-dokumenti prezentati fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tal-elfejn u tmintax (2018) mir-rikorrenti, huwa mhuwiex debitament notifkat bir-rikors ta' Divorzju hawn fuq premess. Huwa ghaldaqstant jixtieq jaghti

ruhu b'notifikat anke ghar-rikors ta' divorzju maghmul mir-rikorrenti sabiex jigi evitat dewmien;

Illi huwa jaqbel mar-rikorrenti li ilhom separati mit-tmienja (8) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) u ghalhekk ghaddew aktar minn erba` (4) snin;

Illi jaqbel ukoll li llum il-gurnata ma jezisti l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u li ma hemm ebda manteniment dovut;

Illi ghal kull bon fini qed jintqal illi recentement senjament fit-30 ta' Ottubru 2017, ir-rikorrenti ukoll intavolat proceduri quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku ta' Malta leima proceduri ghadhom pendenti bejn il-koppja u li issa ghalhekk ma jaghmilx sens illi tkompli bil-proceduri quddiem l-imsemmi Tribunal gialadarba ghandha l-interess li tiehu dan id-divorzju.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost huwa ma huwiex jopponi ghat-talba fir-rikors hawn fuq premess.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Gunju, 2018;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta' April 2013;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Illi ir-rikorrenti talbet fir-rikors guramentat taghha sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' M;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' M, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.